# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 18**

**Avviz numru 502/00/SM**

**Equipment Hire Limited**

**vs**

**Stefan Mustafa Refai**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' (LM398) tlett mija u tmienja u disghin Lira Maltin rappresentanti prezz ta' apparat mikri lill-konvenut minghand is-socjeta' attrici;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Legali datata 27 ta' Ottubru, 1999, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi fil-meritu, it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li l-konvenut kien kera apparat ossia scaffolding minghand HSS Hire Shops; dan l-apparat gie ritornat lura ghand l-HSS Hire Shops u l-konvenut hallas dak li kien gustament dovut ghal dik il-kirja, oltre dik il-kirja ma ghandu ebda debitu iehor dovut in konnessjoni ma dak l-apparat;**

**2. Illi bla pergudizzju ghas-suespost, il-konvenut m'ghandux jigi ordnat ihallas ammonti li setghu saru dovuti minhabba nuqqas da parti ta' l-atturi u/jew bil-ksur tal-ftehim bejn l-istess atturi u l-konvenut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rad id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenut Refai kien kera "scafolding" minghand is-socjeta' attrici ghall-wiehed u tletin (31) gurnata bir-rata ta' erba' u ghoxrin Lira Maltin, (LM24.00,0), per diem, liema rata hi wahda ridotta minn dik komunement pattwita ta' tletin Lira Maltin, (LM30.00,0) per diem;**

**2. Illi l-istess konvenut kien kera wkoll "generator" mid-29 ta' Settembru, 1999 sad-9 t'Ottubru ta' l-1999 bir-rata ta' tmin Liri Maltin (LM8.00,0) kulljum;**

**3. Illi in oltre jirrizulta li l-konvenut kien kera "generator" iehor mis-7 sas-16 ta' Settembru, 1999 bl-istess rata precedenti;**

**4. Illi l-konvenut kien eventwalment hallas l-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin Lira Maltin, (LM466.00,0), u ghad jonqsu jhallas lis-socjeta' attrici d-differenza ta' tlett mija u tmienja u disghin Lira Maltin (LM398.00,0), kif jidher fl-avviz odjern;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut ivvanta diversi ragunijiet ghaliex m'ghandux ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici izda l-ebda wahda minnhom ma xxejjen il-fatt li hu kera l-ingenji u ghodda in dizamina;**

**Illi jibqa' l-fatt li l-uzu li ghamel minnhom il-konvenut hi haga li ghaliha s-socjeta' attrici hi ghalkollox estranea;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Stefan Mustafa Refai biex ihallas l-ammont ta' tlett mija u tmienja u disghin Lira Maltin, (LM398.00,0), lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet mill-ittra ufficcjali datata s-27 ta' Ottubru ta' l-1999.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**